

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni Nru 0112/2014 li tneħħi l-kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa tar-rikorrent għas-sigħat żejda b'effett mill-1/7/2014, adottata fit-3/6/2014 mill-Aġent Direttur tal-Amministrazzjoni u tal-Finanzi;
- jikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni jħallas mill-ġdid dan il-kumpens lir-rikorrent b'effett mill-istess data, kif ukoll l-interessi bir-rata tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid tal-BĊE fuq l-ammont li jikkorrispondi għall-kumpensi li ma humiex ser jingħatawlu, mid-data minn meta dawn kellhom jingħatawlu u sa meta jitħallsu kollha;
- jikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni jħallas lir-rikorrent bħala kumpens għad-dannu materjali li jista' jirriżulta għalih mid-deċiżjoni inkwistjoni, somma provviżorjament stabbilita għal EUR 1 000 u b'kumpens għad-dannu morali subit minnu, somma li l-ammont tagħha għandu jiġi stabbilit mit-Tribunal;
- tikkundanna lil Kumitat tar-Reġjuni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2015 – ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-22/15)**

(2015/C 127/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)*Konvenuta:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li tistabbilixxi d-drittijiet tar-rikorrent għar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali skont l-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendati bir-Regolament Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara illegali u inapplikabbli l-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jannulla d-deċiżjoni li tneħħi kull rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali tar-rikorrenti sa mis-sena 2014;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-23/15)**

(2015/C 127/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: C. Mourato, avukat)